MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Avviz Numru. 7/2005

Emidio u Catherine konjugi Azzopardi, Victor u Giorgia konjugi Attard, Martin u Victoria konjugi Attard, Francis u Felicia konjugi Attard

Vs

Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar

Il-Qorti,

**Talba ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni minhabba li l-Awtorita' konvenuta hadet oggetti minn gewwa art u ddisponiet minnhom meta l-atturi qatt ma gew notifikati bl-Avviz ta' Waqfien u ta' Twettiq u minkejja li l-Awtorita' konvenuta giet interpellata sabiex ma tiddisponix mill-oggetti – Stharrig ta' Eghmil Amministrattiv (Artikolu 469A tal-Kap. 12) – Terminu ta' Dekadenza (Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12.**

Rat l-avviz prezentat fit-18 ta’ Frar 2005 li permez tieghu l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-Awtorita’ konvenuta responsabbli ghad-danni kagunati lill-atturi minhabba illi fit-2 ta’ Settembru 2002 nehhew minn proprjeta’ tal-atturi fi Triq Marsalforn, Xaghra diversi oggetti li kienu qeghdin jinzammu hemmhekk temporanjament f’dik l-art u liema oggetti gew trasportati minnha u li ddisponiet minnhom b’xi mod minkejja li l-attur kien interpellaha b’ittra ufficjali prezentata f’Lulju 2003 sabiex ma taghmel xejn minn dan, u sahansitra ltaqghu ma’ ufficjali tal-istess Awtorita’ f’tentattiv sabiex dawn l-istess oggetti jigu ritornati lura lejn Ghawdex u jittiehdu minn min hu responsabbli, u sabiex jigu likwidati d-danni billi jigu dikjarati li jikkonsistu fil-valur tal-oggetti mehudin u tigi kkundannata thallas l-istess valur.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-Awtorita’ fl-20 ta’ April 2005 fejn eccepiet li:

1. It-talbiet huma minghajr bazi ghaliex l-Awtorita’ kellha kull dritt li tnehhi l-oggetti mill-post imsemmi fl-avviz u dan in forza tal-istess Avviz ghall-Waqfien u ta’ Twettiq numru ECF256/01 liema avviz qatt ma gie kontestat.
2. L-atturi ma garrbu l-ebda dannu peress li l-oggetti ghadhom fil-pussess ta’ l-Awtorita’ tant hu hekk li kienet intbaghatet ittra ufficjali datat 23 ta’ Novembru 2004 sabiex l-atturi jiehdu lura l-oggetti wara li jhallsu l-ispejjez inkorsi mill-Awtorita’ ghall-hazna taghhom.
3. L-ebda ammont mhu dovut bhala danni, u anzi huma l-atturi li huma debituri tal-Awtorita’.
4. It-talbiet ta’ l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Min-naha taghha l-Awtorita’ konvenuta ressqet talba rikonvenzjonali ghall-ispejjez li ghamlet sabiex tistiva l-oggetti sakemm jingabru mill-atturi, izda l-istess baqghu inadempjenti, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ disgha mija u sebgha u sebghin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm977.69).

Ghalhekk l-Awtorita’ talbet dikjarazzjoni ta’ responsabbilta’ min-naha tal-atturi ghall-hlas ta’ din is-somma ghall-hazna

ta’ l-oggetti meritu tal-Avviz 256/01 u kundanna ghall-hlas tal-istess.

Min-naha taghhom l-atturi baqghu ma wiegbux ghal din it-talba rikonvenzjonali.

Semghet il-provi u rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fid-19 ta’ Novembru 2007 wara d-digriet moghti mill-Qorti fit-8 ta’ Novembru 2007 filwaqt li l-Awtorita’ konvenuta naqset milli tipprezenta nota.

Ikkunsidrat:-

1. L-azzjoni odjerna tittratta oggetti li ttiehdu minn art li tinsab fi Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex wara l-hrug ta’ Avviz ta’ Waqfien u Twettiq numru 256/2001 datat 1 ta’ Marzu 2001 (fol. 57) mill-Awtorita’ konvenuta. L-avviz gie ndirizzat lil Victor Vella u gie dikjarat li kien hemm ksur tal-kontroll ta’ l-ippjanar li jikkonsisti:

***“Ghandek zvilupp minghajr permess peress li ghandek bdil fl-uzu tal-art qieghed tpoggi karozzi godda fl-ghalqa kif ukoll ghandek karozzi mkissra u bdil fl-uzu tal-ghalqa ghal wahda ta’ scrapyard”***.

Skond l-istess avviz Victor Vella nghata terminu ta’ sittax il-gurnata sabiex inehhi l-oggetti minn gewwa l-art in kwistjoni. Min-naha tal-atturi ma jirrizultax li dawn qatt gew notifikati bl-imsemmi avviz.

Mill-Avviz ta’ Waqfien u Twettiq ma sarx appell minn Victor Vella. Fir-rigward tal-atturi dawn ma setghux jappellaw ghaliex irrizulta li ma kienux jafu li nhareg dan l-Avviz u f’kull kaz skond l-Artikolu 52(6) persuna li thossha aggravata b’tali avviz ghandha perjodu ta’ hmistax-il gurnata sabiex tappella kontra tieghu quddiem il-Bord ta’

l-Appell u liema terminu jiskatta mid-data tan-notifika tal-avviz lil tali persuna. Ghalhekk fil-kaz ta' l-atturi dan il-perjodu qatt ma seta' jiskatta. Wara li saru zewg *site visits* (7 ta' Novembru 2001 u 19 ta' April 2002[1]), **fit-2 ta' Settembru 2002** ufficjali ta' l-Awtorita' dahlu fl-art u beda x-xoghol sabiex jitnehhew l-oggetti li kienu qeghdin jinzammu f'din l-art. Dakinhar stess l-attur Emidio Azzopardi mar fuq il-post u gharraf lill-ufficjali tal-Awtorita' konvenuta li l-oggetti kienu proprjeta' tieghu u riedhom jieqfu. Madankollu l-affarijiet xorta tnehhew mill-kuntrattur li kien qieghed iwettaq ix-xoghol fuq inkarigu tal-Awtorita' konvenuta in kwantu l-ufficjali tal-Awtorita prezenti fil-post irrifjutaw li jwaqqfu l-process ta' twettiq. Fi kliem Johann Buttigieg (Senior Enforcement Officer) *"….ahna infurmajnih li kellu rimedju billi seta jaghmel mandat ta' inibizzjoni"* (fol. 95). Wiehed minghajr ma jrid josserva li l-ufficjali tal-Awtorita' konvenuta setghu imxew b'iktar prudenza mehud in konsiderazzjoni tat-taghrif li nghatalhom mill-attur u dwar dak li dak iz-zmien kienet tiddisponi l-ligi dwar notifiki ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq. Ghalkemm hu minnu li mill-provi rrizulta li l-persuna li giet notifikata bl-Avviz (Victor Vella) qalilhom li l-art u dak kollu li kien hemm fiha kien proprjeta' tieghu, pero' min-naha l-ohra l-attur kien qed ighidilhom li l-art u l-oggetti kienu proprjeta' tieghu. Mill-provi jirrizulta wkoll li l-Awtorita' konvenuta qaghdet biss fuq il-kelma ta' Victor Vella (ara xhieda moghtija minn Mark Cini u Johann Buttigieg in kontro-ezami – seduta tas-17 ta' Ottubru 2007).

Min-naha tal-atturi baghatu ittra legali datata 4 ta' Settembru 2002 lill-Awtorita' konvenuta (fol. 31) u permezz taghha nterpellawha sabiex fi zmien gimgha tirritorna lura l-oggetti kollha li kienu ta' l-atturi. L-ilment tal-atturi kien li ma nghatawx:-

(a) Avviz minn qabel li l-affarijiet kienu ser jitnehhew;
(b) Opportunita' sabiex inehhu l-oggetti minn fuq il-post u ghalkemm talbu lill-ufficjali tal-Awtorita' konvenuta li

[1] Xhieda ta' Mark Cini (fol. 54).

kienu fuq il-post sabiex jaghtuhom cans biex inehhu l-affarijiet, dawn irrfijutaw u qalulhom biex fil-kaz jirrkorru quddiem il-Qorti.

B'ittra legali datata 16 ta' Settembru 2002 (fol. 32) l-Awtorita' konvenuta wiegbet fis-sens li l-atturi setghu jigbru l-oggetti *"…bil-patt illi l-istess Awtorita' tithallas it-tariffi dovuti lilha u dan kif stipulat fir-Regolamenti ta' l-2002, dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Ikklampjar u Tnehhija ta' Oggetti uzati ghal Zvilupp Illegali) Avviz Legali 26 ta' l-2002"*.

Skond ix-xhieda moghtija minn Mark Cini (Senior Enforcement Officer), *"…saru arrangamenti sabiex il-materjal li s-sur Azzopardi kien qed jghid li hu tieghu ma jkunx imhallat ma' materjal iehor li kien qed jitnehha u nzamm b'mod separat fil-bitha tal-Works Division fix-Xewkija Ghawdex. Jiena kont gejt mitlub mis-superjuri tieghi sabiex nghid lis-sur Azzopardi li seta jigbor l-oggetti tieghu mil-bitha tal-Works Division. Jiena fil-fatt kont kellimt lis-sur Azzopardi fil-5 ta' Settembru 2002"*. Ghalkemm fl-10 ta' Settembru 2002 l-attur mar fuq il-post biex jara fejn kienu qeghdin jinzammu l-oggetti, insista li l-Awtorita' konvenuta ggorr l-affarijiet ghal gewwa barriera li ghandu fix-Xaghra, Ghawdex. L-Awtorita' gharrfet lill-attur li seta' jmur jigbor l-affarijiet pero' min-naha tieghu baqa' jinsisti li l-Awtorita' konvenuta kellha tiehu l-affarijiet fil-post indikat minnu. Kien hemm rifjut min-naha ta' l-Awtorita' konvenuta u eventwalment l-oggetti tnizzlu Malta.

Permezz ta' avviz li deher f'gazzetta lokali fil-5 ta' Awwissu 2004 inghata avviz li l-oggetti kienu qeghdin jinhaznu ghand Roc-A-Go Crane Services Ltd, Triq tal-Barrani, iz-Zejtun u kienet qeghda tgharraf *"….lis-sidien legittimi sabiex jirkupraw l-oggetti fuq imsemmija u dan wara li jipprezentaw prova sufficjenti li jintitolahom ghalihom u jisru l-hlasijiet relattivi skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti fuq imsemmija"* (fol. 79). Avviz li deher f'gazzetta lokali ohra ta' kuljum tal-4 ta' Awwissu 2004 (fol. 80) u anke fil-Gazzetta tal-Gvern tas-

16 ta’ April 2004 (fol. 81). Dan skond kif jezigi l-Avviz Legali 26 ta’ 2002.

Fit-23 ta’ Novembru 2004 l-Awtorita’ konvenuta pprezentat ittra ufficjali fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili (fol. 20) li biha nterpellat lill-atturi sabiex jigbru l-affarijiet taghhom u jhallsu l-ispejjez u li fin-nuqqas kienet ser tiddisponi mill-oggetti minghajr avviz ulterjuri. Permezz ta’ ittra ufficjali ohra prezentata fis-6 ta’ Dicembru 2004 l-istess Awtorita’ tat lill-atturi tlett (3) ijiem biex jiehdu l-oggetti u *“…tavzakom illi fin-nuqqas ta’ dan l-istess Awtorita’ ser tiddisponi mill-istess oggetti skond il-ligi”*, u gharrfithom li hi ma kienitx ser tirritorna l-oggetti in kwistjoni.

2. Mill-atti ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni jew tressqu xi provi kuntrarji li l-oggetti kienu fil-fatt jinsabu fuq art milquta bl-Avviz ta’ Waqfien u Twettiq numru 256/2001 mahrug fil-5 ta’ Marzu 2001. Dan apparti l-fatt li rrizulta wkoll li ma kien hemm l-ebda permess li dawn l-oggetti jinzammu f’din l-art. F’dan ir-rigward l-attur Emidio Azzopardi xehed: *“Apparti fejn bena Victor Vella, fuq il-kumplament ta’ l-ghalqa ahna ma ghandna l-ebda permessi mahruga minn l-awtorita’, biex inzommu xi affarijiet go fiha”* (fol. 87).

Wara l-hrug ta’ l-Avviz ta’ Waqfien u Twettiq numru 256/2001, dak kollu li ghamlet l-Awtorita’ konvenuta u l-ufficjali taghha jsib il-bazi tieghu f’dan l-Avviz. Hekk per ezempju l-fatt li l-ufficjali tal-Awtorita’ dahlu fuq l-art milquta minn dan l-Avviz u nehhew l-oggetti (Artikolu 55 tal-Att numru 1 ta’ l-1992) u dak li sar wara mill-oggetti wara tnizzlu Malta b’applikazzjoni tal-Avviz Legali 26 ta’ 2002. Dan ifisser li trid u ma tridx, sabiex tkun tista’ tirnexxi l-azzjoni ta’ l-atturi irid jigi mistharreg l-imsemmi Avviz li jikkwalifika bhala ordni moghtija minn Awtorita’. Tajjeb jew hazing l-Awtorita’ kienet harget Avviz li tolqot il-proprjeta’ ta’ l-attur. L-istharrig ta’ eghmil amministrattiv hu regolat mill-Artikolu 469A Kap. 12, u l-ligi stess taghti definizzjoni lill-kliem “eghmil amministrattiv” bhala “….*il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità*

*pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'"*. M'hemmx dubju li t-talba tal-attur hi wahda li tolqot eghmil amministrattiv li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 469A(2). Il-fatt li l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas ta' danni ma jbiddel xejn min-natura tal-azzjoni. F'azzjoni ta' din it-tip min jaghmel il-kawza ghandu kull jedd li jinkludi talba ghall-hlas tad-danni mgarrba liema talba tkun imsejsa fuq ir-responsabbilta' allegata tal-awtorita' pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv; *"Huwa minnu li, kif gie ghadd ta' drabi deciz, fl-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva jistghu jsiru azzjonijiet li jinkludu dik ta' likwidazzjoni u kundanna ta' hlas ta' danni,* ***imma biex dan isehh, dejjem jibqa' l-fatt li l-azzjoni ewlenija tkun dik li tiddikjara l-azzjoni jew ghamil amministrattiv bhala ma jiswiex, jigifieri null"*** (**Cutrans Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef) fis-16 ta' Mejju 2002)[2]. Il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni li ghamlu l-atturi li l-kaz ghandu jigi mistharreg fuq il-bazi ta' kolpa akwiljana biss. L-atturi qeghdin isostnu li l-Awtorita' konvenuta agixxiet illegalment u *ultra vires* f'dak li ghamlet u liema agir wassal sabiex ittiehdu l-oggetti minn gewwa l-art. Fil-fehma tal-Qorti dan jikkwalifika bhala stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva u jrid jigi nvestigat fil-parametri tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12[3].

Skond l-Att numru I ta' l-1992 l-Awtorita' konvenuta kellha kull jedd li tohrog avviz li bih taghti ordni li x-xoghol ghandu jieqaf fejn l-izvilupp qieghed isir minghajr l-ghoti ta' permess. Dan in kwantu skond l-Artikolu 30 tal-Att dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kap. 356), tqeghid ta' materjal skartat fuq art hu meqjus bhala tibdil sostanzjali fl-uzu tal-

---

[2] Fil-kawza fl-ismijiet **Borg Aquilina Limited vs Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef R. Pace) fit-28 ta' Frar 2007, il-Qorti osservat li l-fatt li fil-kawza l-attur kien qieghed jitlob il-hlas ta' danni ma jbiddel xejn min-natura tal-azzjoni ta' l-atturi li kienet tikkonsisti fl-impunjazzjoni ta' eghmil amministrattiv.

[3] Ara sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Il-Prokuratur Legali Jonathan de Maria vs Il-Prim'Ministru et** deciza fid-29 ta' Jannar 1999, f'liema proceduri kienet qeghda tintalab rimbors ta' ammont li l-attur kien gie kostrett ihallas biex tigi rilaxxata l-vettura tieghu wara li kienet gie, skond l-istess attur, abbuzivament irmonkata minn fejn kienet sewwa parkeggjata.

art li jehtieg permess ta’ zvilupp. Il-Qorti lanqas m’ghandha dubju li l-oggetti li tnehhew mill-art kienu mitluqa fl-art in kwistjoni u mill-provi rrizulta li l-atturi ma kellhomx permess sabiex izommu l-oggetti fl-art in kwistjoni. Madankollu skond l-istess ligi l-avviz ghandu jigi notifikat **lis-sid ta’ l-art** [Artikolu 52(1)], lill-kuntrattur tal-bini u lill-haddiema fuq is-sit [Artikolu 52(2)] u kopja tieghu ghandha titwahha *“f’post prominenti fid-dhul ghas-sit”*. B’emenda ntrodotta bl-Att numru XXIII tal-1997, fejn is-sid ma jkunx maghruf, l-avviz ghandu jigi notifikat lill-inkwilin. L-avviz hu maghruf ukoll bhala avviz ta’ twettiq. Il-persuna li mbaghad tkun giet notifikata bl-avviz ta’ twettiq ghandha dritt ta’ appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell (Artikolu 52[6]) fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika tal-avviz. Fejn xi passi jew azzjoni ohra li ghandha tittiehed b’avviz ta’ twettiq ma tkunx ittiehdet fiz-zmien specifikat fl-avviz, ***“…..l-Awtorita’ tista’ tidhol fuq l-art u tiehu dawk il-passi jew azzjoni ohra kif fuq imsemmija…….”*** (Artikolu 55[1]). M’hemmx dubju li l-atturi qeghdin jikkontestaw il-validita’ ta’ l-ordni (numru 256/2001) moghtija mill-Awtorita’ konvenuta u dak kollu li segwa wara (fosthom id-decizjoni li l-ufficjali tal-Awtorita konvenuta jidhlu fl-art u jnehhu l-affarijiet li kien hemm fl-art) in kwantu jsostnu li l-avviz ma:-

(a) Inharigx kontra s-sid ta’ l-art; u
(b) Ma giex imwahhal fuq is-sit *de quo*, izda ntbaghat biss bil-posta registrata lil Victor Vella.
(c) L-avviz ma kienx jinkludi *site plan* li turi l-art milquta mill-avviz.

Kif tajjeb osserva l-Imhallef Peter McCellan[4] *“The fundamental principle of judicial review is that “all power has its limits,” and when administrative decision-makers act outside of those limits they may be restrained by the judiciary. Judicial review does not prevent wrong decisions, it instead prevents them from being made unjustly. It does not matter whether the judge who is reviewing the decision would him or herself have arrived*

[4] Chief Judge at Common Law Supreme Court of New South Wales f’paper li kienet tittratta l-liigi Amministrattiva Awstraljana u moqrija waqt *symposium* li sar fic-Cina bejn il-31/10/2006 u l-4/11/2006.

*at a different conclusion to the administrative decision-maker.* ***The decision will only be interfered with if there was some illegality in the process by which it was made.*** *The jurisdiction of the court is confined to quashing the decision and remitting the matter back to the original decision-maker for determination in accordance with the law. This may not always be satisfying – either for individual judges or for the party seeking relief – but it is often the unfairness in the making of a decision, rather than the decision itself, that causes people the greatest distress".*

Mis-suespost hu evidenti li l-atturi qeghdin jilmentaw li fl-agir taghha l-Awtorita' konvenuta naqset milli tosserva htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrativ (*'administrative action'*). Htigijiet li skond l-atturi kellhom jigu osservati ukoll qabel l-Awtorita' konvenuta ddecidiet li twettaq l-Avviz numru 256/2001 u tezegwixxi l-istess billi tidhol fl-art in kwistjoni u tnehhi l-oggetti. Nuqqas li hu nkluz fl-istharrig gudizzjarju kontemplat fl-Artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap. 12[5]. Dak li taht id-dritt amministrattiv Franciz hu deskritt bhala *vice de forme*[6]; *"only failure to observe an essential formality will lead to avoidance of the subsequent proceedings…… in PETALAS (CE 18 November 1955), an order of extradition which was made without consultation with the appropriate government department was held void for want of compliance with an essential procedural requirement"* (*French Administrative Law*, L.Neville Brown u John S. Bell, Oxford, 2003 pagna 243)[7].

---

[5] *"meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva ….. htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv…….".*

[6] L-Artikolu 469A tal-Kap. 12 hu bbazat fuq il-posizzjoni legali taht id-dritt amministrattiv franciz (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 27 ta' Jannar 2006 u moghtija fil-kawza **Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim'Ministru**).

[7] *"procedural error is an administrative failure to meet all the procedural requirements laid down by a statute that condition the exercise of a discretion. A procedural error may or may not be an error of law, depending on the statutory context. Having found an error the Court considers whether, having regard to the terms of the legislation, the Parliament intended that the particular error would result in the invalidity of the decision: see Project Blue Sky Inc v Australian Broadcasting Authority (1998) 194 CLR 355"* (ibid. Imhallef Peter McClellan).

Sfortunatament ghall-atturi l-Qorti hi prekluza milli tistharreg il-validita' ta' l-istess eghmil in kwantu l-proceduri gudizzjarji jridu jsiru fi zmien sitt (6) xhur[8] *"minn meta min ikollu interess* ***isir jaf jew seta' jsir, jaf,*** *skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv"* [Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12]. Fil-kaz tal-lum l-atturi certament li saru jafu f'Settembru 2002 filwaqt li l-kawza saret fit-18 ta' Settemrbu 2005. Perjodu li hu ta' dekadenza[9] u bhala tali l-punt ghandu jitqajjem ukoll *ex officio* mill-Qorti (ara per ezempju sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vella nomine vs Anthony Migneco et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Gunju 2005 u l-gurisprudenza citata fl-istess); *"Illum hu stabbilit li z-zmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 hu wiehed ta' dekadenza (ara sentenza G. Zammit vs Awtorita' ta' l-Ippjanar PA 2-2-2000. Dan ifisser li tali terminu ma jigix interrott jew sospiz bhal ma jigri fil-kaz tat-terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem iehor l-atti gudizzjarji li normalment jitqiesu bhala tajbin biex jinterrompu l-perjodu preskrittiv jew il-fatt li jkunu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar eghmil amministrattiv ma jservu xejn biex izommu l-moghdija ta' sitt xhur li ssemmi l-ligi. "…. Il-Ligi ma tghidx li z-zmien jibda ghaddej minn meta l-parti interessat tircievi taghrif formali jew ufficjali miktub dwar id-decizjoni. Tghid biss li z-zmien ta' sitt xhur jibda jghaddi minn dak in-nhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-eghmil, liema data tigi l-ewwel"* (**Co-op Services Limited vs Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Settembru 2003[10]).

3. Kif rajna l-Awtorita' konvenuta kienet qeghda tagixxi in forza ta' Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq li pero' nhareg f'isem Victor Vella. Avviz li ma giex kontestat. L-art in kwistjoni hi proprjeta' ta' l-attur Emidio Azzopardi u mhux ta' Victor Vella. Kif kienet il-ligi qabel l-emendi li dahlu fis-

[8] Artikolu 469A (3) tal-Kap. 12.
[9] Ara per ezempju sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Roberto Zamboni nomine vs Id-Direttur tal-Kuntratti et** deciza fil-31 ta' Mejju 2002 u **Borg Aquilina Limited vs Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2007.
[10] Imhallef Joseph R. Micallef.

sehh bl-Att XXI ta' l-2001 (il-kaz taghna jirreferi ghall-perjodu qabel dhul fis-sehh ta' dan l-Att), l-Avviz kellu jigi notifikat *"….lis-sid ta' l-art li jehtieg li x-xoghol jieqaf minnufih"* (Artikolu 52[1]). Ghalkemm il-Qorti tifhem li dan l-avviz ma setax jigi kontestat mill-atturi sal-gurnata li l-ufficjali tal-Awtorita' dahlu fuq l-art u bdew inehhu l-oggetti (kien dakinhar li l-attur Emidio Azzopardi mar fuq il-post u sar jaf b'dan l-Avviz), ma kien hemm xejn x'izommhom milli jikkontestaw il-validita' tieghu meta saru jafu x'qieghed isir f'din l-art. Fejn hemm Avviz simili l-Awtorita' tista' tidhol fuq l-art u tiehu dawk il-passi mehtiega sabiex jitnehhew l-affarijiet (Artikolu 55) u skond l-Avviz Legali 26 ta' 2002 ghandha wkoll id-dritt li tiddisponi mill-oggetti. Hekk gara f'dan il-kaz partikolari. Ghalkemm dakinhar l-attur mar fuq il-post, l-ufficjali tal-Awtorita' irrifjutaw li jieqfu minn dak li kienu qeghdin jaghmlu u l-oggetti (bl-eccezzjoni tat-travi li tnehhew l-ghada) gew trasportati f'post gewwa Ghawdex stess. Min-naha taghhom l-atturi setghu f'dak l-istadju jikkontestaw il-validita' ta' l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq u jitolbu wkoll hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu lill-Awtorita' milli tkompli tnehhi l-affarijiet fuq il-bazi li *"……l-avviz ta' twettiq li bis-sahha tieghu l-Awtorita' tkun imxiet jew bi hsiebha timxi huwa null jew li l-Awtorita' agixxiet mhux skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att"* (Artikolu 55(2) tal-Att numru 1 ta' l-1992). Minn dan kollu ma sar xejn.

Ghalkemm l-atturi nghataw l-opportunita' kollha biex jiehdu l-affarijiet baqghu jirrifjutaw ghaliex ippretendew li kellhom jingarru mill-Awtorita' konvenuta f'post indikat minnha u ma kellhomx jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez. Fil-fehma tal-Qorti l-atturi kellhom kull cans sabiex jaghmlu l-arrangamenti mehtiega u jigbru l-oggetti minghand l-Awtorita' konvenuta qabel dawn tnizzlu lejn Malta ghal skopijiet ta' hazna (ara f'dan ir-rigward xhieda ta' Mark Cini – fol. 54 u 55 konfermata wkoll in kontro-ezami fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2007). Huma setghu facilment ghamlu dan bla pregudizzju ghad-drittijiet taghhom. L-attur xehed: *"Jiena gejt mgharraf illi l-oggetti haduhom il-kajzelli Government Stores, gewwa x-Xewkija, Ghawdex. Jiena mot u rajthom hemm hekk….Jiena qaluli biex immur nehodhom minn hemm l-affarijiet. Biex naghmel din il-*

*bicca xoghol, jiena kelli nqabbad crane ghoxrin tunnellata, u nikri t-trukkijiet biex naghmel dan ix-xoghol, meta dan setghu jhalluni nehodhom minn fuq l-art tieghi….Jiena ghalhekk iddecidejt illi ma mmurx niehu l-affarijiet mill-government stores, kajzelli"* (fol. 89)[11]. L-atturi baqghu jinsistu li l-oggetti jigu ritornati mill-Awtorita' konvenuta ghas-spejjez taghha. Atteggjament li ghadu jipperdura sal-lum in kwantu l-atturi qeghdin issa jirrifjutaw li jiehdu lura l-oggetti (zewg travi) li fadal peress li skond l-attur Emidio Azzopardi *"Jiena llum il-gurnata ma jiniex interessat illi mmur nigbor l-affarijiet illi ghad ghandha l-awtorita' u li huma hwejgi. Ahna llum il-kumpannija zarmajniha u ma ghadniex f'dan ix-xoghol, lanqas ma rrid illi mmur nigborhom, imbaghad niehu hsieb inbieghhom. Jiena illum il-gurnata l-flus irrid"* (fol. 90). Rilevanti wkoll kif wara li l-atturi kienu interpellati sabiex jirtiraw l-oggetti u li fin-nuqqas l-Awtorita' konvenuta kienet ser tiddisponi mill-oggetti skond l-Avviz Legali 26 tal-2002, regghu ma hadu l-ebda passi sabiex l-oggetti jigu preservati. Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li dak li riedu l-atturi kienu flus u xejn iktar. Kieku l-atturi kienu jiddependu minn dawn l-oggetti ghax-xoghol taghhom (kif ipprova jaghti x'jifhem l-attur fl-affidavit tieghu[12]) kienu jaghmlu minn kollox sabiex jehduhom lura. Skond l-istess Avviz Legali l-Awtorita' ghandha dritt li tordna l-bejgh ta' l-oggetti li ma jittiehdux minn sidhom fi zmien tletin gurnata mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviz ta' tnehhija (Regolament numru 8)[13].

Fil-fehma tal-Qorti bl-atteggjament taghhom l-atturi qeghedu lilhom innfushom fil-posizzjoni li qeghdin jilmentaw minnha llum. Huma facilment kienu jevitaw il-hsara li qeghdin jsostnu li sofrew kieku rtiraw l-oggetti meta kienu ghadhom qeghdin Ghawdex. Ma kien hemm xejn x'izommhom li wara jiehdu l-passi kontra l-Awtorita' konvenuta sabiex jirkupraw l-ispejjez. Gew interpellati kemm-il darba sabiex imorru jigbru l-oggetti u kienu jafu

[11] Kontro-ezami li sar fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2007.
[12] Fol. 30.
[13] *"The Authority may order the sale of any object if it would still not have been retrieved by its lawful owner within thirty days from the publication of the notice of removal as provided in regulation 7"*.

x'ser jigri fin-nuqqas. Inoltre, l-agir tal-atturi imur kontra kull principju li d-danni ghandhom jigu minimizzati[14]. Id-diligenza ordinarja kienet titlob atteggjament differenti min-naha ta' l-atturi. Il-Qorti m'ghandix dubju li kien dan l-atteggjament li fl-ahhar tal-gurnata wassal sabiex sofrew dawk id-danni kollha li qeghdin ighidu li sofrew (*imputet sibi*). Dan apparti l-fatt li mill-provi rrizulta wkoll li l-oggetti ma tnehhewx kollha fl-ewwel gurnata li dahlu fl-art l-ufficjali tal-Awtorita konvenuta. F'dak l-istadju l-atturi kellhom kull opportunita' li jiehdu passi bil-Qorti biex izommu lill-Awtorita' konvenuta milli tkompli tnehhi oggetti minn gewwa l-art. Alternattivament, setghu wkoll jaghmlu l-arrangamenti sabiex inehhu l-affarijiet qabel l-ghada jitkompla x-xoghol. Pero' minn dan kollu ma ghamlu xejn. Inoltre, il-Qorti temmen li kieku l-atturi kienu verament qeghdin jaghmlu uzu mill-affarijiet li tnehhew mill-art, kienu jaraw kif jaghmlu sabiex jigbruhom u mhux jidhlu fi kwistjoni bla bzonn mal-Awtorita' konvenuta. Il-kwistjoni dwar spejjez u danni setghet facilment tigi trattata wara.

4. L-attur Emidio Azzopardi xehed ukoll li wara li l-oggetti ngarru lejn Malta, kienet saret laqgha li ghaliha attendew id-difensuri tal-partijiet u li kien intlehaq ftehim mal-Awtorita' konvenuta li *"….iggib l-affarijiet taghna lura Ghawdex meta tkun ser tezegwixxi d-direct action li jmiss u mbaghad ahna nigbruhom mill-Imgarr u ingorruhom ghal xi garage taghna a spejjez taghna"* (fol. 30). Dan gie konfermat ukoll mid-difensur tal-atturi (seduta tal-20 ta' Marzu 2007 – fol 40). Verzjoni li ma qabilx maghha d-difensur tal-Awtorita' konvenuta li ddikjara *"Minn naha ta' l-atturi, dawn kienu qeghdin jinsistu illi l-affarijiet jigu ritornati mill-awtorita' gewwa Ghawdex. Jiena, kont ghidt illi (recte, lil) Dr. Carmelo Galea illi kelli nivverifika internament fl-awtorita' ta' l-ippjanar, jekk kienx ikun possibbli illi l-kuntrattur illi jkun sser jiehu xi direct action gewwa Ghawdex u jkun tiela minn Malta, itellgha mieghu dawn l-affarijiet hu stess, biex jghaddihom lill-atturi. Meta*

[14] Ara f'dan is-sens sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph A. Filletti) fid-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Frank Pace et vs Kummissarju tal-Pulizija et** li wkoll kien tittratta kaz ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv.

*jiena ghamilt il-verifiki tieghi mas-superjuri tieghi, gewwa l-Awtorita', dawn qaluli ilil din il-proposta ma kienitx accettabbli, peress illi l-azzjoni illi kienet ittiehdet minn l-awtorita' kienet taqa' fil-parametri tal-ligi, u ghal hekk jekk riedu, l-atturi, setghu jmorru fejn jinsabu, kienu jinsabu storage dawn l-oggetti, biex jirtirawhom minn hemm"*. Kompla jghid li kien ikkomunika dawn il-fatti lill-avukat Dr. Carmelo Galea (seduta tal-11 ta' Mejju 2007 – fol. 83). Mill-provi hu evidenti li din il-laqgha saret bl-iskop li jigu evitati proceduri gudizzjarji u ghalhekk dak li jkun gie diskuss bejn il-partijiet ikun inghad bla pregudizzju. Inoltre, il-Qorti m'hijiex moralment konvinta li fil-kors ta' tali diskussjonijiet intlehaq xi qbil fis-sens li spjega l-attur. Wiehed jifhem li d-difensur tal-Awtorita' kellu jirreferi il-proposta lis-superjuri tieghu u ma kienx ser jiehu decizjoni bhal dik minn jeddu.

5. Ghal dak li huma *storage fees* li l-Awtorita' konvenuta qeghda tippretendi l-hlas taghhom permezz tat-talba rikonvenzjonali (fol. 19), l-atturi ma pprezentawx risposta. L-Avviz Legali XXVI tas-sena 2002 f'regolament 3 jipprovdi:-

*"The Authority or any contractor duly authorised by it for specific purposes of these regulations may remove, store and dispose of any object which is being used by any person for the carrying out of illegal development, or any object which is on the site subject to the execution of an enforcement notice"*.

Regolament 9 tal-istess Avviz Legali jikkontempla l-hlas li ghandu jithallas lill-Awtorita' konvenuta bhala *storage fees*. Fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-hlas li qieghed jintalab ikopri l-perjodu mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005 (perjodu ta' sena) [fol. 78] u l-hlas pretiz hu nqas minn dak li tikkontempla l-ligi. Skond regolament numru 8 fejn oggett ma jkunx inbiegh bl-irkant jew wara sejha ghal *tenders*, l-Awtorita' konvenuta tista' **fid-diskrezzjoni taghha** tiddisponi mill-oggett *"….after having given at least one month's notice to the Minister responsible for finance"*. Jidher li f'dan il-kaz l-Awtorita' konvenuta ghad

ghandha zewg travi fil-pussess taghha u qeghda titlob il-hlas ta' disgha mija u sebgha u sebghin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm977.69). Regolament 2 tal-Avviz Legali jaghti definizzjoni tal-kelma **"object"**, *"…any equipment, machinery, tools, cranes, bulldozers, mechanical shovels, vehicles or* ***other objects whether movable or immovable"***. Ghalhekk it-travi jaqghu taht din id-definizzjoni u fic-cirkostanzi attwali ta' dan il-kaz jidher li l-Qorti ghandha jdejha marbuta b'dak li jiddisponi l-Avviz Legali XXVI ta' 2002. Ghar-ragunijiet diga' moghtija l-Qorti hi mizmuma milli tistharreg jekk l-Awtorita' konvenuta agixxietx *ultra vires* meta ttiehdet id-decizjoin li ufficjali taghha jidhlu fl-art, u fil-fatt dahlu, u gie ezegwit l-avviz ta' twettiq u li kien iwassal ghal decizjoin jekk l-art kienitx post fejn l-Awtorita' setghet tezegwixxi avviz simili.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi:-

1. Tichad it-talbiet ta' l-atturi in kwantu z-zmien li l-atturi kellhom sabiex jitolbu stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva ghalaq qabel ma giet intavolata din il-kawza u ghar-ragunijiet l-ohra fuq imsemmija.

2. Tilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-Awtorita' konvenuta u tikkundanna lill-atturi jhallsu s-somma ta' disgha mija u sebgha u sebghin lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm977.69).

Spejjez a karigu ta' l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------